Il-komunikazzjoni b'mod fluwenti kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm bl-Ingliż,
Is-soluzzjoni ta' problemi teknici,
Il-ħidma b'superviżjoni minima,
Il-ġestjoni ta' aspetti mhux tekniċi tas-servizz;

Il-benefiċċji jinkludu:

Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata,
Assigurazzjoni tas-saħħa,
Pjan estensiv ta' vuċi u data mobbli,
Arranġamenti ta' xogħol ta' ħin flessibbli u xogħol mill-bogħod,
Il-benesseri tal-impjegat,
Żvilupp tal-karriera,
Premjijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni;

Il-kandidat magħżul ikun espost għal:

Post tax-xogħol fejn il-ħaddiema jħossuhom bħala familja u ħbieb,
Taħriġ u mentoring kontinwu,
Il-bini ta' relazzjonijiet ta' negozju ma' utenti ta' profil għoli tal-Gvern,
Jipprovdu valur permezz ta' proġetti ta' importanza nazzjonali u soċjali.

Eliġibbiltà

Kandidati li jirnexxu għandhom ikunu fluwenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż u jkunu impjegati fuq kuntratt għal żmien indefinit. Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom waħda mill-kumbinazzjonijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenza li ġejjin relatati mal-ICT.

Jew:

1. Diploma relatata mal-ICT (Livell 5 tal-MQF); JEW
2. Diploma relatata mal-ICT (Livell 4 tal-MQF) flimkien ma' sena esperjenza f'qasam tal-ICT relatat; JEW
3. Sentejn esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

L-istudenti jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġett għall-provvediment ta' riżultati finali.

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni bħala Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2; jew Livell Standard – Livell tal-Karriera 3; jew Livell Senior – Livell tal-Karriera 4, skont il-livell ta' kompetenza. Se jiġi pprovdut taħriġ.

CV aġġornat, flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament, għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mis-Sibt, 17 ta' Jannar, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

It-12 ta' Jannar, 2024

Good at:

Maintaining innovation,
Planning and coordinating,
Communicating fluently both written and verbally in English,
Technical problem solving,
Working with minimum supervision,
Managing non-technical aspects of the service;

Benefits include:

Work-life balance,
Health insurance,
Extensive mobile voice and data plan,
Flexible time work arrangements and remote working,

Employee well-being,
Career development,
Performance-based rewards;

Chosen candidate shall be exposed to:

A workplace where co-workers feel like family and friends,
Ongoing training and mentoring,
Building business relationships with high-profile Government users,
Provide value through projects of national and social importance.

Eligibility

Successful candidates must be fluent in both Maltese and English will be employed on an indefinite term contract. Eligible candidates will hold either of the following combinations of qualifications and/or experience related to ICT.

Either:

1. An ICT related diploma (MQF Level 5); OR
2. An ICT related diploma (MQF Level 4) together with one year experience in an ICT related area; OR
3. Two years' experience in an ICT related area.

Students may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2; or Standard Level – Career Level 3; or Senior Level – Career Level 4, depending on competency level. Training will be provided.

An updated CV, together with a covering email, should be submitted by not later than Saturday, 17th January, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

12th January, 2024

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Post ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza.

Termini u Kundizzjonijet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn.

2.2 Is-salarju ta' Kuntistabbli huwa ta' Skala ta' Salarju 14, li fl-2024 huwa ta' €18,538.02 fis-sena, li jiżdied bi €316.83 fis-sena sa massimu ta' €20,439.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 13 (li fl-2024 huwa ta' €19,867.00 x €335.50 - €21,880.00) wara sentejn (2) fis-servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija titla' fi Skala 12 (li fl-2024 huwa ta' €21,236.00 x €354 - €23,360.00) wara erba' (4) snin fis-servizz fi Skala 13, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Kuntistabbli tal-Pulizija tavvanza għal Kuntistabbli Anzjan tal-Pulizija fi Skala 11 (li fl-2024 hija ta' €22,642.98 x €375.17 - €24,894.00) wara sentejn (2) fis-servizz fi Skala 12, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Kuntistabbli tal-Pulizija tattira wkoll allowances kif speċifikat fil-ftehim settorjali tal-Korp tal-Pulizija intitolat, 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2023'.

2.7 Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, jitħallsu l-paga bażika ta' Skala 16 (li hija ta' €16,130) sakemm jieħdu l-ġurament tal-ħatra bħala Kuntistabbli tal-Pulizija bi Prova.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jinkludu li:

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY, REFORMS AND EQUALITY

Post of Police Constable in the Police Department within the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality, invites applications for the post of Police Constable in the Police Department within the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of two (2) years.

2.2 The salary for the post of Police Constable is Salary Scale 14, which in 2024 is €18,538.02 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €20,439.00.

2.3 A Police Constable will progress to Scale 13 (which in 2024 is €19,867.00 x €335.50 - €21,880.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Police Constable will progress to Scale 12 (which in 2024 is €21,236.00 x €354 - €23,360.00) on completion of four (4) years service in Scale 13, subject to satisfactory performance.

2.5 Police Constables will advance to Senior Police Constables, Salary Scale 11 (which in 2024 is €22,642.98 x €375.17 - €24,894.00) after performing two (2) years of satisfactory service in Scale 12.

2.6 Due to the nature of work, the post of Police Constable also attracts allowances as specified in the Sectoral Agreement of the Police Force entitled 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2023'.

2.7 During the time that the candidates are attending the course as Trainee Police Constables, they will receive a salary commensurate to the entry point of Salary Scale 16 (€16,130.00) until they are sworn in as Probationary Police Constables.

Duties

3. The job duties for the post of Police Constable in the Police Department include:

i. Iżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jgib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

ii. Jirrispondi minnufih għal kull talba għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

iii. Japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, il-fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew kull status ieħor;

iv. Iġib 'il quddiem il-koeżistenza ordinata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb kif dovut mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjetà privata imma wkoll dwar il-proprjetà pubblika;

v. Iffittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

vi. Jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li kun qed tfittex l-għajnuna ta' Pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor ukoll jekk ir-responsabbiltà biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

vii. Iwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew b'xi liġi oħra;

viii. Kwalunkwe kompitu ieħor li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jiddelega lilu/ha kif jista' jkun meħtieġ;

ix. Kwalunkwe dmir iehor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiziti tal-Eligibbiltà

4.1 L-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

ii. ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. fil-pussess ta' pass (fi Grad 5 jew C jew f'livell kumparabbli) f'Livell 3 tal-MQF f'erba' (4) suġġetti li jridu jinkludu l-Malti u l-lingwa Ingliża;

jew

fil-pussess ta' kwalifika f'Livell VET 3 jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, Ingliż u f'żewġ suġġetti oħra bħala units

i. Preserved public order and peace, to prevent the commission of offences, to promote and enforce the observance of the laws, as a first guarantee of the rights of all persons in Malta, even before action is needed through the judicial system to repress, sanction or remedy any breach;

ii. Responds immediately to any request for the protection and itnervention of the law;

iii. Applies the law without discrimination on any ground, such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status;

iv. Promotes the orderly and peaceful coexistence of all persons in Malta, paying due attention not only to private property rights but also to public property;

v. Seeks to protect the environment as part of the common good;

vi. Aassists, within reasonable limits, any person seeking the help of a police or other public officer even though the ultimate responsibility to provide such help may notlie with the Force;

vii. Performs honestly and effectively all those duties assigned by the Commissioner of Police and by any law;

viii. Undertakes any other tasks which the Commissioner of Police may delegate to him/her, as may be required;

ix. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 Applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

iii. in possession of a pass (at least at Grade 5 or C or a comparable level) at MQF Level 3 in four (4) subjects which must include Maltese and English languages;

or

in possession of a Level 3 VET qualification or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 3 in Maltese, English Language and any two

ta' studju separati fil-kors li jkunu segwew. Applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom MCAST Diploma f'Livell 3 tal-MQF, jew MCAST-BTEC First Diploma jew MCAST-BTEC Diploma jew Ċertifikat tas-City and Guilds f'Livell 2 jiġu kkunsidrati wkoll sakemm is-suġġett ikun relatat mal-Pulizija;

iv. ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sal-aħħar ta' Diċembru 2024;

v. ma jkunux għalqu id-disgħa u tletin (39) sena sal-aħħar ta' Diċembru 2024;

vi. ikunu medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-istandard mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija;

vii. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi jiġu regolati mill-policy tat-tattoos tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta li tinstab fil-ħolqa (https://pulizija.gov.mt/en/police-force/policevacancies/Documents/POL-TAT.pdf).

viii. applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom body modification u/jew body piercing jiġu kkunisdrati skont il-każ.

ix. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt/attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Lulju, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta'

other subjects as separate study units within the course pursued. Applicants in possession of an MCAST MQF Level 3 Diploma, or an MCAST-BTEC First Diploma, or a MCAST-BTEC Diploma or a City and Guilds Level 2 Certificate will also be considered as long as this is in a police related subject;

iv. have attained their eighteenth (18) birthday by end of December 2024;

v. have not attained their thirty-ninth (39) birthday by end of December 2024;

vi. be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties;

vii. applications by candidates having tattoos will be regulated as per the Malta Police Force Tattoos Policy found at the link (https://pulizija.gov.mt/en/police-force/police-vacancies/Documents/POL-TAT.pdf).

viii. applications by candidates having body modifications and/or body piercing will be considered on a case-by-case basis.

ix. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) 4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the General Provisions https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st July, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition

rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale. Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet. Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, jew f'korp dixxiplinat il-GP 47/Rekord tas-Servizz għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-appikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Barra minn hekk, kandidati li huma parzjalment eliġibbli jintalbu jattendu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, sabiex jimlew formoli ta' kunsens u dikjarazzjoni. Matul il-proċess kollu sal-istadju tal-ħatra, isir screening adekwat fuq kull kandidat. Jekk jirrizulta li jew id-dikjarazzjoni sottomessa tkun falza jew l-applikant jonqos milli jissodisfa l-livell ta' kondotta meħtieġa, il-kandidat jiġi skwalifikat u jkun eskluż milli jipproċedi fil-proċess tal-għażla.

4.7 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, anke waqt li jkunu qed jieħdu t-taħriġ ġewwa l-Akkademja.

statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status. The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications. Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications. The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of "service in the grade" as stipulated in calls for applications. Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, or a disciplined force, the GP 47/Service Record is to be requested by the HR Unit of the ministry/department issuing then call for applications from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Furthermore, partially eligible candidates shall be requested to attend at the Police General Headquarters, Floriana, for them to complete a declaration and consent forms. Throughout the process, up to appointment stage, due screening will be carried out on each candidate. If it transpires that either the submitted declaration was false or that the required degree of conduct is not met, the candidates will be disqualified and will be precluded from proceeding further in the selection process.

4.7 Applicants must be also be eligible to take up their due appointment, also on commencing training at the Academy for Disciplined Forces.

Sottomossjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proceduri tal-Għażla

6. L-EWWEL PARTI – EFFIĊJENZA FIŻIKA/TEST MEDIKU

6.1 L-applikanti se jkunu suġġetti għal Test tal-Effiċjenza Fiżika, li għandu jsir taħt bord tal-għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skont hawn taħt:

Test fl-Effiċjenza Fiżika

1-1 FAZI: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15 METERS'

It-test jibda bir-rakkomandazzjoni tal-15 Meters Multistage Fitness Test imsejjaħ 'bleep test' (https://www.youtube.com/watch?v=nNsVzKt51PQ). Dan it-test huwa bbażat fuq evidenza xjentifika u huwa ddisinjat biex jaqbel mal-ħtiġiet aerobiċi tat-Taħriġ tas-Sigurtà Personali.

Waqt li jisma' r-recording tal-Multistage Fitness Test, l-applikant għandu jiġri lejn u minn distanza ta' 15-il metru fil-ħin mal-bleeps.

Jekk jasal fil-linja tat-tarf qabel ma jinstema' l-bleep irid jistenna l-bleep qabel ma jkompli jiġri u għandu jaġġusta l-veloċità tiegħu kif xieraq.

Il-ħin bejn il-bleeps għall-ewwel huwa bil-mod (il-bleeps huma madwar seba' sekondi 'l bogħod minn xulxin) iżda jsiru aktar spissi hekk kif it-test javvanza.

Hekk kif it-test javvanza, se jkun iktar diffiċli li jlaħħaq mal-veloċità meħtieġa.

Ikun hemm penali jekk 1-applikant jonqos milli jilħaq il-linja fil-bleep xieraq. Total ta' tliet (3) penali huma aċċettati bit-tielet waħda tirriżulta fit-tmiem tat-test.

It-test jinvolvi 15-metre shuttle runs b'ħin totali ta' 3 minuti u 35 sekonda. Jekk 1-applikant jonqos milli jilħaq il-livell ta' 5.4 jiġi skwalifikat u ma jkomplix għat-tieni test.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6. PART ONE – PHYSICAL EFFICIENCY/MEDICAL TEST

6.1 Applicants will be subject to a Physical Efficieny Test to be held under a selection board appointed by the Commissioner of Police, to ensure fitness to the Malta Force standards as shown hereunder:

Physical Efficieny Test

PHASE 1: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15 METERS'

The test starts with the recommendation of the 15 Meters Multistage Fitness Test referred to as the 'bleep test' (https://www.youtube.com/watch?v=nNsVzKt51PQ). This test is based on scientific evidence and is designed to match the aerobic demands of Personal Safety Training.

While listening to the Multistage Fitness Test recording the applicant should run to and from along the 15-meter distance in time with the bleeps.

If the applicant arrives at the end line before the bleep sounds the applicant needs to wait for the bleep before resuming running and should adjust the speed accordingly.

The timing between bleeps is slow at first (the bleeps are about seven seconds apart) but they become faster as the test progresses.

As the test progresses, it will become more difficult to keep up with the required speed.

If the applicant fails to reach line in the appropriate bleep a penalty is incurred. A total of three (3) penalties is accepted with the third one resulting in the end of test.

The test involves a 15-metre shuttle runs with a total time of 3 minutes 35 seconds. If an applicant fails to reach the level of 5.4 they will be dismissed and would not continue onto the second test.

It-2 FAZI: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

1-1 Ostaklu: L-applikant joqgħod fil-karozza tal-għassa biċ-ċinturin tas-sigurtà milbus u b'idejh fuq 1-isteering. Mas-suffara 1-applikant joltroġ mill-vettura u jiġri għal 40 metru lejn 1-ewwel stazzjon.

It-2 Ostaklu: L-applikant ikollu jaqbeż barrikata tal-ilma li tkun ~ 80 cm għolja.

It-3 Ostaklu: L-applikant irid jagħmel tyre shuffle ta' tnax-il tyre.

Ir-4 Ostaklu: L-applikant irid jaqbeż minn fuq barrikata tal-pulizija.

11-5 Ostaklu: L-applikant irid idawwar tajer ta' 50 kilo għal darbtejn.

Is-6 Ostaklu: L-applikant irid jitla' taraġ idur ma' cone u jinżel it-taraġ. Huwa importanti li mill-inqas sieq waħda titqiegħed fuq kull tarġa għat-tul kollu tat-taraġ.

Is-7 Ostaklu: L-applikant irid jiġri tul passaġġ bejn it-tajers għal 15-il metru.

lt-8 Ostaklu: L-applikant irid ikaxkar manikin ta' 50 kilo għal distanza ta' 20 metru.

Id-9 Ostaklu: L-applikant irid jitkaxkar taħt għoli ta' 60 ċentimetru għal tul ta' 4 metri.

L-applikant jispiċċa l-korsa ladarba ddoqq il-qanpiena fil-linja tat-tmiem. Jekk 1-applikant jonqos milli jlesti wieħed (1) mid-disa' (9) ostakli ta' hawn fuq, jiġi skwalifikat awtomatikament. It-test irid jitlesta fi żmien massimu ta' 2 minuti u 30 sekonda.

RIMARKI OĦRA

1. Il-General Physical Intake Standards Test jinqasam f'żewġ partijiet b'perjodu ta' mistrieħ ta' 15-il minuta għal stretching u 1-idratazzjoni.

2. It-testijiet isiru fiż-żona tal-parkeġġ tal-Kumpless Ta' Kandja u 1-bini tal-gymnasium. Se jsir assessjar tar-riskju sabiex ikun imminimizzat u aċċertat li r-riskji kollha tneħħew jew tnaqqsu. Persunal iċċertifikat fl-Ewwel Għajnuna se jkun fuq il-post.

3. L-applikanti kollha li jwettqu t-test għandhom jimlew Kwestjonarju ta' Preparazzjoni għall-Attività Fiżika (formola PAR-Q).

4. Għalliem tal-fiżika jkun fuq il-post matul it-test sabiex jassisti u jiżgura s-sigurtà.

PHASE 2: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

Obstacle 1: Applicant would sit in patrol car with seatbelt fastened and hands on the steering wheel. On whistle person exits the vehicle and runs for 40 meters to the first station.

Obstacle 2: Applicant would have to jump a water barrikata which is ~80 cm in height.

Obstacle 3: Applicant would tyre shuffle 12 tyres.

Obstacle 4: Applicant would jump over a police barrikata.

Obstacle 5: Applicant would flip a 50 kilograms tyre twice.

Obstacle 6: Applicant would climb a flight of stairs turn around a cone and climb down the stairs. It is important that at least one foot is placed on each step for the entire flight of stairs.

Obstacle 7: Applicant would run along a path between tyres for 15 meters.

Obstacle 8: Applicant would drag a dummy of 50 Kilograms and 20 meters distance.

Obstacle 9: Applicant would crawl under a height of 60 centimetres for the duration of 4 meters.

Applicant finishes the course once they ring a bell at the finish line. If an applicant fails to complete one (1) of the above nine (9) stations, it is considered to be an automatic failure. The test must be completed within a maximum time of 2 minutes 30 seconds.

OTHER REMARKS

1. The General Physical Intake Standards Test will be split into two parts with a 15 minute rest period for stretching and hydration.

2. The tests will be carried out at the Ta' Kandja Complex parking area and the gymnasium building. A risk assessment will be conducted so to minimise and ascertain that all risks have been removed or reduced. First-aid Certified Personnel will be on site.

3. All applicants conducting the test must complete a Physical Activity Readiness Questionnaire (PAR-Q form).

4. A physical instructor will be on-site during the test in order to assist and ensure safety.

5. Resit ikun disponibbli fi żmien ġimgħa għal dawk li jfallu. Ir-resits għandhom isiru b'mod sħiħ.

6.2 Il-kandidati li ma jgħaddux mit-Test tal-Effiċjenza Fiżika jkunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għat-test sħiħ fi żmien ġimgħa (1).

6.3 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika li jipproċedu għat-Test Mediku Preliminari.

Il-kandidati li jgħaddu mit-Test Mediku Preliminari mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

7. IT-TIENI PARTI – INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Intervista selettiva intiża sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.4 Huma biss il-kandidati li jkunu għaddew b'suċċess mill-Intervista Selettiva li jkunu suġġetti li jagħmlu l-eżami mediku. Ir-riżultat tal-Intervista Selettiva jkun ikkunsidrat bħala proviżorju fl-ordni ta' mertu, li jibqa' jgħodd sa sentejn (2) min-notifika tar-riżultat.

7.5 Il-kandidati li huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprentistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprentistat ieħor.

8. IT-TIELET PARTI – EŻAMI MEDIKU

8.1 Il-kandidati li jgħaddu mill-Intervista Selettiva jiġu msejħa għal eżami mediku skont l-ordni tal-mertu sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti. Il-kandidati li ma jgħaddux mill-eżami mediku ma jitħallewx jipproċedu għal parti erbgħa kif tidher hawn taħt.

9. IR-RABA' PARTI – IR-REKLUTAĠĠ

9.1 Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq

5. A resit will be available within a week to those who fail. Resits must be conducted in full.

6.2 Candidates who fail the Physical Efficiency Test will be able to effect a resit within (1) week.

6.3 Only candidates who pass all components of the Physical Efficiency Test will proceed to the Preliminary Medical Test.

Candidates who pass the Preliminary Medical Test will then proceed with the Selective Interview.

7 PART TWO – SELECTIVE INTERVIEW

7.1 A selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable will be held.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

7.3 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.4 Only candidates who have successfully passed the Selective Interview will be subject to the medical examination. The result of the Selective Interview will be considered as a provisional order of merit, which will remain valid for a period of two (2) years from the notification of results.

7.5 Candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from Jobsplus a certificate of their release from the engagement.

8 PART THREE – FULL MEDICAL TEST

8.1 Candidates who pass the Selective Interview will be called for a full Medical Test according to the provisional order of merit and subject to the availability of vacancies. Candidates who fail in any part of the full medical test will not be allowed to proceed to part four.

9 PART FOUR – TRAINEESHIP

9.1 The traineeship period will consist of a comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in thecourse of training. The aforementioned comprehensive course will be held at the Academy for Disciplined Forces and/or elsewhere as necessary. During the training period Trainee Police

Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Il-kandidati jridu jattendu mill-anqas 80% tal-kors u jgħaddu b'suċċess mill-eżamijiet mogħtija. Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ma jkunux intitolati għall-ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħrig tagħhom fl-Akkademja.

9.2 Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għal uniformi b'xejn. Jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq shift taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol billejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. It-taħriġ jista' jinkludi wkoll work placement. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jista' jkun fuq bażi residenzjali.

9.3 Il-marka massima għar-raba' parti ta' dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi għal kull suġġett eżaminabbli hi skont il-kors tat-taħriġ tal-Akkademja. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe ħin il-kors ta' Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġiba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

9.4 Il-ħatriet isiru skont l-ordni tal-mertu finali u suġġett għall-postijiet vakanti. Dan l-ordni tal-mertu jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn (2) min-notifika tar-riżultati.

9.5 Il-kandidati jkunu suġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont r-Regolali tad-Dixxiplina tal-PSC.

9.6 Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-esiġenzi tas-servizz.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

10 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biss permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) (taħt Uniformed and Security). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Frar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji

Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Candidates are to attend at least 80% of the course and to pass successfully from the exams. Trainee Police Constables will not be entitled to any vacation leave during their period of traineeship.

9.2 Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They may be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Training may also include work placement. Part of the training at the Academy for Disciplined Forces may be on a residential basis.

9.3 The maximum mark of Part Four – Traineeship is 100% and the pass mark per subject is according to the Course Program issued by the Academy for Disciplined Forces. The final order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who fail will not be appointed Probationary Police Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a resit in failing subjects examination/s might be given.

The Commissioner of Police can terminate at any time the traineeship of a trainee Police Constable upon unsatisfactory progress, misbehavior, bad attitude or lack of motivation.

9.4 Vacant posts will be filled according to the final order of merit and subject to the availability of vacancies. The order of merit will be valid for a period of two (2) years from the notification of results.

9.5 During the traineeship, candidates are subject to discipline as per PSC Disciplinary Regulations.

9.6 Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

Submission of Applications

10. Applications, are to be submitted for the attention of the Commissioner of Police through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct not later than one month from the date of application as applicable which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 2nd February, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details

dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

11 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

12 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

13 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

14 L-applikanti li huma parzjalment eliġibbli jiġu mitluba sabiex jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-uffiċjal inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Minbarra dan, l-applikanti għandhom ukoll iġibu magħhom żewġ (2) ritratti riċenti daqs tal-passaport.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

15 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għal persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (https://pulizija.gov.mt/) u (hr.police@gov.mt).

It-12 ta' Jannar, 2024

concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

11. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

12. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

13. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

14. The partially eligible applicants will then be invited to attend at the Human Resources Branch to fill in an Additional Information Sheet, as part of the application process. This Additional Information Sheet is to be filled in the presence of the Officer in charge – Human Resources and/or another officer appointed by the Commissioner of Police. Furthermore, applicants are also to submit two (2) passport-size photographs.

Other General Provisions

15. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed at the address (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (https://pulizija.gov.mt/) and (hr.police@gov.mt).

12th January, 2024

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Senior Manager (Marketing u Komunikazzjoni) fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Manager (Marketing u Komunikazzjoni) fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Senior Manager (Marketing u Komunikazzjoni) huwa ta' Skala ta' Salarju 5, li fl-2024 huwa ta' €32,533.98 fis-sena, li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €36,378.00.

2.4 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.5 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam ta' Marketing u Komunikazzjoni, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.6 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Senior Manager (Marketing u Komunikazzjoni) jinkludu li:

i. Jiżviluppa u jimplimenta pjanijiet ta' marketing u komunikazzjoni strateġiċi allinjati mal-għanijiet organizzattivi;

ii. Jidentifika x-xejriet tas-suq, attivitajiet tal-kompetituri, u opportunitajiet emerġenti biex jottimizza l-istrateġiji;

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Senior Manager (Marketing and Communications) in the Office of the Principal Permanent Secretary within the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Senior Manager (Marketing and Communications) in the Office of the Principal Permanent Secretary within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Senior Manager (Marketing and Communications) is Salary Scale 5, which in year 2024 is €32,533.98 per annum, rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €36,378.00.

2.4 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.5 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Marketing and Communications, in accordance with established vacancies.

2.6 The result will be valid for a period of two (2) years from date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Senior Manager (Marketing and Communications) include:

i. Develops and implements strategic marketing and communication plans aligned with organisational goals;

ii. Identifies market trends, competitor activities, and emerging opportunities to optimise strategies;

iii. Jiżgura messaġġi konsistenti tal-marka u aderenza mal-linji gwida tal-marka fuq iċ-channels kollha;

iv. Jaħdem b'mod kollaborattiv ma' timijiet transfunzjonali biex iżomm u jtejjeb l-integrità tal-marka;

v. Jissorvelja l-ħolqien ta' kontenut konvinċenti u rilevanti għal diversi pjattaformi, inklużi l-midja diġitali, stampata u soċjali;

vi. Jiżgura li l-kontenut jallinja mal-brand voice aċċettata mill-udjenza magħżula, u jmexxi inizjattivi ta' marketing diġitali, inklużi kampanji ta' SEO, SEM, midja soċjali, u email;

vii. Janalizza metriċi tal-prestazzjoni diġitali u jottimizza l-istrateġiji għal riżultati mtejba;

viii. Jikkultiva u jżomm relazzjonijiet pożittivi ma' organizzazzjonijiet tal-midja, influencers, u partijiet interessati;

ix. Jiżviluppa u jesegwixxi kampanji ta' relazzjonijiet pubbliċi biex itejjeb l-immaġni pubblika tal-organizzazzjoni;

x. Jimmaniġġja u jiggwida tim ta' professjonisti tal-marketing u l-komunikazzjoni;

xi. Irawwem ambjent tax-xogħol kollaborattiv u innovattiv biex jinkisbu l-għanijiet dipartimentali;

xii. Jiżviluppa u jimmaniġġja l-baġit tal-marketing u l-komunikazzjoni b'mod effiċjenti, u jissorvelja l-infiq u jiżgura strateġiji kosteffettivi;

xiii. Jipprovdi rapporti regolari dwar l-effettività tal-inizjattivi tal-marketing u l-komunikazzjoni, u juża data u analitiċi biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati;

xiv. Iwettaq dmirijiet kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni jew delegat tiegħu;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

iii. Ensures consistent brand messaging and adherence to branding guidelines across all channels;

iv. Works collaboratively with cross-functional teams to maintain and enhance brand integrity;

v. Oversees the creation of compelling and relevant content for various platforms, including digital, print, and social media;

vi. Ensures content aligns with brand voice and resonates with the target audience, and leads digital marketing initiatives, including SEO, SEM, social media, and email campaigns;

vii. Analyzes digital performance metrics and optimizes strategies for improved results;

viii. Cultivates and maintains positive relationships with media outlets, influencers, and stakeholders;

ix. Develops and executes public relations campaigns to enhance the organization's public image;

x. Manages and mentors a team of marketing and communication professionals;

xi. Fosters a collaborative and innovative work environment to achieve departmental goals;

xii. Develops and manages the marketing and communication budget efficiently, and monitors expenditures and ensures cost-effective strategies;

xiii. Provides regular reports on the effectiveness of marketing and communication initiatives. and utilizes data and analytics to drive informed decision-making;

xiv. Performes duties as requested by the Principal Permanent Secretary or his delegate;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Marketing jew Komunikazzjoni jew Digital Marketing jew Business jew kwalunkwe kwalifika professjonali rikkonoxxuta komparabbli fil-Livell 7 tal-MQF f'suġġett li l-amministrazzjoni tikkunsidra rilevanti.

U

iv. B'ħames (5) snin esperjenza maniġerjali fis-Servizz Pubbliku fi, jew kwalunkwe esperjenza oħra maniġerjali li

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identita` should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Marketing or Communications or Digital Marketing or Business or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 7 in an area which the administration considers relevant.

AND

iv. With five (5) years of Public Service management experience in, or any other management experience that

tista' tiġi kkunsidrata mill-Amministrazzjoni komparabbli ma' Skala ta' Salarju 7, liema esperjenza għandha tkun sostnuta kif xieraq b'evidenza rilevanti.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt/attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

may be considered by the Administration comparable to, Salary Scale 7, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the General Provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience .

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 26th January, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents .

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_19_GPMT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

It-12 ta' Jannar, 2024

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Soċjetà

Ordni Nru. 13

Billi 'Koperattiva Youtheme Ltd' li ġiet reġistrata fit-28 ta' Jannar, 2016, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Numru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u appunta lis-Sur John Bezzina ta' St Julian's Accountancy, Triq Wied Għomor, San Ġiljan STJ 2043, bħala likwidatur.

Is-Sur Joseph Abela
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

It-30 ta' Ottubru, 2023
(CB 12/23)

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed at the address (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_01_10_01_24_34_GPENG.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

12th January, 2024

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order of a Society

Order No. 13

Whereas 'Koperattiva Youtheme Ltd' which was registered on the 28th January, 2016, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr John Bezzina of St Julian's Accountancy, Triq Wied Għomor, St Julian's STJ 2043, to be liquidator.

Mr Joseph Abela
Chairperson
Co-operatives Board

30th October, 2023

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 14

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem 'Foresight Co-operative Limited' u l-istatut tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fit-30 ta' Ottubru, 2023, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (1) tal-Att Numru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

It-30 ta' Ottubru, 2023
(CB 34/79/158)

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 14

It is hereby notified that the Society with the name 'Foresight Co-operative Limited' and its statute were registered by the Co-operatives Board on the 30th October, 2023, in accordance with the provisions of Article 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairperson
Co-operatives Board

30th October, 2023

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut

Ordni Nru. 15

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 tal-Istatut ta' 'HSC Coop Ltd' ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fil-11 ta' Diċembru, 2023, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

Il-11 ta' Diċembru, 2023
(CB 34/79/154)

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule in Statute

Order No. 15

It is hereby notified that rule number 2 of the Statute of 'HSC Coop Ltd' has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 11th December, 2023, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairperson
Co-operatives Board

11th December, 2023

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Sejħiet Miftuħa għal Proposti ta' Proġetti

Avviż Importanti

Sejħa IV: Investiment f'Faċilitajiet ta' Rikreazzjoni Speċjalizzati għall-Persuni b'Diżabbiltà jew Mard u l-Familji

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Open Calls for Project Proposals

Important Notice

Call IV: Investing in Specialised Recreational Facilities for Persons with a Disability or Illness and their Families,

tagħhom, imnedija taħt Prijorità 3, RSO 4.5 tal-Programm ERDF/CF/JTF 2021-2027 fit-22 ta' Ottubru, 2023.

Sejħa V: Twaqqif ta' Faċilitajiet Industrijali, Inkluż l-Iżvilupp ta' Business Incubation Centre, imnedija taħt Prijorità 1, RSO 1.3 tal-Programm ERDF/CF/JTF 2021-2027 fit-22 ta' Ottubru, 2023.

Sejħa VI: Titjib u Valorizzazzjoni tal-Prodott Turistiku ta' Malta, imnedija taħt Prijorità 3, RSO 4.6 tal-Programm ERDF/CF/JTF 2021-2027 fil-5 ta' Novembru, 2023.

Kjarifika dwar il-ħtieġa ta' Studji Finanzjarji

L-istudji finanzjarji li ġejjin huma meħtieġa skont il-valur tal-proġett li qed jiġi propost u jekk il-proġett hux mistenni li jiġġenera dħul:

Financial Assessment fil-każ ta' proġetti li jiġġeneraw dħul sa €1,000,000;

Financial Feasibility Study għall-proġetti kollha minn €1,000,001 sa €5,000,000; jew

Cost Benefit Analysis għall-proġetti kollha li jaqbżu €5,000,001.

L-applikanti għandhom ukoll jissottomettu flimkien mal-proposta tal-proġett, 'checklist' rilevanti għall-istudji finanzjarji li għandhom jimtlew mill-Applikant u l-Konsulent li pprepara l-istudju finanzjarju applikabbli għall-proġett. Dawn id-dokumenti jistgħu jiġu aċċessati minn (https://fondi.eu/important_documentat/erdf-cf-templates/).

Estensjoni tad-Data tal-Għeluq għall-Proposti tal-Proġetti

L-Awtorità ta' Ġestjoni tixtieq tavża lill-applikanti interessati li, wara dan l-avviż, id-data tal-għeluq għat-tliet sejħiet ta' hawn taħt qed tiġi estiża skont kif indikat:

Sejħa IV: Investiment f'Faċilitajiet ta' Rikreazzjoni Speċjalizzati għall-Persuni b'Diżabbiltà jew Mard u l-Familji tagħhom qed tiġi estiża mit-2 ta' Frar, 2024 sat-22 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar.

Sejħa V: Twaqqif ta' Faċilitajiet Industrijali, Inkluż l-Iżvilupp ta' Business Incubation Centre, qed tiġi estiża mit-2 ta' Frar, 2024 sat-22 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar.

launched under Priority 3, RSO 4.5 of the ERDF/CF/JTF Programme 2021-2027 on 22nd October, 2023.

Call V: Setting up of Industrial Facilities, Including the Development of a Business Incubation Centre, launched under Priority 1, RSO 1.3 of the ERDF/CF/JTF Programme 2021-2027 on 22nd October, 2023.

Call VI: Enhancing and Valorising Malta's Tourism Product, launched under Priority 3, RSO 4.6 of the ERDF/CF/JTF Programme 2021-2027 on 5th November, 2023.

Clarification on the need for Financial Studies

The following financial studies are required depending on the value of the project being proposed and whether the project is expected to generate revenue:

Financial Assessment in the case of revenue-generating projects up to €1,000,000;

Financial Feasibility Study for all projects from €1,000,001 up to €5,000,000; or

Cost Benefit Analysis (CBA) for all projects exceeding €5,000,001.

Applicants are also to submit together with their project proposal, the relevant checklists for the Financial Studies to be completed by the Applicant and the Consultant that prepared the applicable financial study. These documents can be accessed through (https://fondi.eu/important_documentat/erdf-cf-templates/).

Extension of Closing Date for Project Proposals

The Managing Authority would like to notify interested applicants that, following this notice, the closing date for the below three calls is being extended accordingly:

Call IV: Investing in Specialised Recreational Facilities for Persons with a Disability or Illness and their Families is being extended from 2nd February, 2024 until 22nd March, 2024, noon.

Call V: Setting up of Industrial Facilities, Including the Development of a Business Incubation Centre is being extended from 2nd February, 2024 until 22nd March, 2024, noon.

Sejħa VI: Titjib u Valorizzazzjoni tal-Prodott Turistiku ta' Malta qed tiġi estiża mis-16 ta' Frar, 2024 sal-5 ta' April, 2024, f'nofsinhar.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Awtorità ta' Ġestjoni permezz ta' ittra elettronika lil (fondi.eu@gov.mt).

It-12 ta' Jannar, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Call VI: Enhancing and Valorising Malta's Tourism Product is being extended from 16th February, 2024 until 5th April, 2024, noon.

Further information may be obtained from the Managing Authority by email to (fondi.eu@gov.mt).

12th January, 2024

Co-funded by the European Union

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Lista ta' Kuntratti mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016)

It-12 ta' Jannar, 2024

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

List of Contracts awarded by the Malta Communications Authority during the period between 1st July, 2023 and 31st December, 2023, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

12th January, 2024

Direct Orders

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	17696	Subscription 2023-25	03/07/2023	Cullen International SA	€126,000.00
2	17732	Purchase of Narda EMF equip.	18/07/2023	Test & Measurement Instrumentation	€92,807.00
3	17735	RFeye Stormcase	20/07/2023	CRFS Limited	€99,780.00
4	17840	Purchase of Vehicle	13/09/2023	Muscat Motors Ltd.	€56,000.00
5	17844	Maltapost Geocoded Postcodes	15/09/2023	Maltapost PLC	€9,800.00
6	17890	ITU Membership 2024	03/10/2023	International Telecommunication Union	€83,150.30
7	17953	ECO Contribution 2024	25/10/2023	European Communications Office	€8,644.10
8	17970	Recruitment services	06/11/2023	Broadwing Job Placement Agency	€5,250.00
9	18038	IRG Membership 2024	27/11/2023	Groupe des Regulateurs Independants	€13,000.00

Offerti/*Tenders*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference Number*	Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta *Tender Name/Subject of Tender*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	SPD7/2023/022	Health insurance cover 2023-25	11/09/2023	AIB Insurance Brokers Limited	€116,790.00
2	SPD7/2022/070	Specific training Tender	18/09/2023	Cullen International SA	€57,500.00
3	MCA-POL/kc/19-3661	MCA Survey – Post – Households	27/09/2023	Economic & Management Consultancy Serv.	€30,480.00
4	SPD7/2023/053	Audit and Tax computation	22/12/2023	PKF Malta	€33,420.00

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni/Suġġett tal-Kwotazzjoni *Quotation Name/Subject of Quotation*	Data Approvata *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	18082	Qualitative Study on the Attit	22/12/2023	Outlook Coop	€6,500.00

Ma kienx hemm varjazzjonijiet bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023.

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf li nhar is-Sibt, 17 ta' Frar, 2024, minn nofsinhar sal-4.00 p.m., se jkunu magħluqa għat-traffiku Misraħ San Filippu, parti minn Triq Sciortino, parti minn Triq il-Kbira, Triq Mons. Milanesi u Triq Luret Vella.

Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq u se jsir il-clearance tal-karrozzi.

It-12 ta' Jannar, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf illi dawn il-vetturi li kienu pparkjati għal diversi xhur bil-liċenzja skaduta, ġew irmunkati fit-3 ta' Jannar, 2024, u meħuda għand Ta' Robba Recycling Plant Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-avviż legali ta' leġiżlazzjoni sussidjarja 65.13 (Regolament Dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sid il-vettura ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skreppjata.

Fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ – Opel van; m'hemmx number plates fil-vettura

There were no variations between 1st July, 2023 and 31st December, 2023.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that on Saturday, 17th February, 2024, from noon till 4.00 p.m., Misraħ San Filippu, part of Triq Sciortino, part of Triq il-Kbira, Triq Mons. Milanesi and Triq Luret Vella will be closed for traffic.

Parking will not be allowed and there will be clearance of cars.

12th January, 2024

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that these vehicles which where parked for a long period with an expired licence were towed on the 3rd of January, 2024, and taken to Ta' Robba Recycling Plant Kirkop after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 and Legal Notice 123 of 2001 and subsidiary legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

In Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ – Opel van; no number plates on vehicle

Fi Triq Għarram, Ħaż-Żebbuġ – Jaguar silver; numri tar-reġistrazzjoni X2 DBR856

Fi Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ – Opel Astra maroon; m'hemmx pjanċi ta' reġistrazzjoni

Fi Triq l-Isqof Ambrog Buttigieg – VW Golf sewda; m'hemmx pjanċi ta' reġistrazzjoni

It-12 ta' Jannar, 2024

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf illi t-toroq imsemmija se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja fihom kif ġej:

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Frar, 2024, mil-5.00 a.m. sad-9.00 p.m., mit-toroq li ġejjin: Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann, Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq it-Tramuntana, Triq Lazzru Pisani, Triq il-Knisja, u Triq ir-Rabat;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024 sal-Erbgħa, 14 ta' Frar, 2024, minn nofsinhar sat-8.00 a.m. (il-ġurnata ta' wara) mit-toroq li ġejjin: Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann, Triq Diċembru Tlettax, Triq Ċimċem, Triq il-Papa Ljun XIII, Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri, Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq Dun Bernard Haber, Triq it-Tramuntana, Triq Ta' Said, Triq il-Knisja, Triq ir-Rabat, u Triq it-Tiġrija.

It-12 ta' Jannar, 2024

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jgħarraf illi mill-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024, mit-8.00 a.m., sat-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024, fl-10.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ Lourdes;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Frar, 2024, ħadd ma jista' jipparkja mis-1.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Triq Felice Borg u Vjal ir-Rihan;

Mis-6.30 p.m. sas-7.30 p.m., Triq Felice Borg se tkun magħluqa għat-traffiku;

Mill-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 2024, mit-8.00 a.m., sal-Ħadd, 18 ta' Frar, 2024, fl-10.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ Lourdes;

Nhar is-Sibt, 17 ta' Frar, 2024, ħadd ma jista' jipparkja mis-1.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq Felice Borg and Vjal ir-Rihan;

Mis-6.30 p.m. sas-7.30 p.m., Triq Felice Borg se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-12 ta' Jannar, 2024

In Triq Għarram, Ħaż-Żebbuġ – Jaguar silver; registration number X2 DBR856

In Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ – Opel Astra maroon; no registration plates

In Triq l-Isqof Ambrog Buttigieg – VW Golf black; no registration number plates

12th January, 2024

NADUR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Nadur Local Council notifies that the following streets shall be cleared of parked vehicles and closed to traffic due to Carnival events as follows:

On Sunday, 4th February, 2024 from 5.00 a.m. till 9.00 p.m. through the following streets: Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann, Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq it-Tramuntana, Triq Lazzru Pisani, Triq il-Knisja and Triq ir-Rabat;

On Friday, 9th February, 2024 till Wednesday, 14th February, 2024, from noon till 8.00 a.m. (following day) through the following streets: Triq Xjuf ir-Riħ, Triq San Ġwann, Triq Diċembru Tlettax, Triq Ċimċem, Triq il-Papa Ljun XIII, Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri, Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta' April 1688, Triq Dun Bernard Haber, Triq it-Tramuntana, Triq Ta' Said, Triq il-Knisja, Triq ir-Rabat, and Triq it-Tiġrija.

12th January, 2024

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The San Ġwann Local Council notifies that from Friday, 9th February, 2024, from 8.00 a.m., till Monday, 12th February, 2024, at 10.00 p.m., no parking through Misraħ Lourdes;

On Sunday, 11th February, 2024, no parking from 1.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq Felice Borg and Vjal ir-Rihan;

From 6.30 p.m. till 7.30 p.m., Triq Felice Borg will be closed to traffic;

From Friday, 16th February, 2024, from 8.00 a.m., till Sunday, 18th February, 2024, at 10.00 p.m., no parking is allowed in Misraħ Lourdes;

On Saturday, 17th February, 2024, no parking from 1.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq Felice Borg and Vjal ir-Rihan;

From 6.30 p.m. till 7.30 p.m., Triq Felice Borg will be closed to traffic.

12th January, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minn nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq l-Indipendenza se jkun magħluq għat-traffiku.

It-12 ta' Jannar, 2024

AWTORITÀ TAD-DJAR

